# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 17 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 39.**
**Rikors Nru. 2731/99 JRM**

**General Precast Concrete Limited**

**vs**

**Anglu Tanti.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' ghall-bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' *precast concrete* maghmula lilu fuq inkarigu tieghu stess, kif jirrizulta mill-fattura annessa Dok "A";

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas anke permezz ta' zewg ittri ufficjali tal-21 t'Ottubru 1998 u ta' l-20 ta' Lulju 1999, dan baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddidkjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici ghall-bilanc ta' prezz dovut ghall-fornituri ta' *precast concrete* maghmula lilu fuq inkarigu tieghu stess;

2. Tillikwida l-ammont dovut u spettanti lis-socjeta' attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-amont hekk likwidat ghall-bilanc ta' prezz dovut ghall-fornituri ta' *precast concrete*;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-21 t'Ottubru 1998 u 20 ta' Lulju 1999, u bl-imghax, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi;

Il-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici li, fost l-ohrajn, ghall- finij iet tattieni talba attrici, ddikjarat li l-ammont l,I ghandu jigi likwidat huwa dak imsemmi fil-kolpja tal-fattura datata 21 ta' Gunju, 1997 bin-numru XX00813 (a fol 5 tal-process), j igifieri l-ammont bilancjali ta' elf mija u sebgha u ghoxrin lira u tnejn u sebghin centezmu (LM1127.72c);

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotti fic-citazzjoni billi tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta' attrici; tillikwida d-debitu fis-

somma ta' elf mija sebgha u ghoxrin liri maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM1127.72) u tikkundannah ihallas lis-socjeta' l-ammont hekk likwidat flimkien mal-ispejjez tal-kawza u bl-imghax dekorribbbli mill-21 t'Ottubru, 1998.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**17, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 t'Ottubru, 2000.**